That in addition the interpellants make reference to the fact that the money in question was deposited in the clients' account of the Notary and therefore it was the responsibility of the respondent Bank to ensure through its internal due diligence processes, that money deposited in the custody of Notary in a clients' account held with the bank, were used for the purpose that they were held for and not used for other purposes and therefore the respondent bank in case it turns out that the money belonging to the interpellants is not in the same bank account, is liable for damages to the applicant due to negligence in the performance of his supervisory duties as required by law.

That this apart from the fact that once the matrimonial regime of the late Notary Dr Ivan Barbara and his wife the respondent

tal-komunjoni tal-akkwisti, hija responsabbli għall-ħlas tal-flejjes depożitati in solidum mal-eredità tal-istess Nutar.

Għaldaqstant, l-esponenti qed jinterpellakom sabiex fi żmien ġimgħa mill-ispedizzjoni ta' din l-ittra uffiċjali intom tħallsu lill-esponenti s-somma ta' €22,000 u fin-nuqqas il-mittenti mhux se jkollhom triq oħra ħlief li jipproċedu kontra tagħkom skont il-liġi.

Tant biex tagħrfu timxu u tirregolaw ruħkom.

Rikorrenti: Amadeo Aquilina u Maria Debattista, 7, Triq Patri Donat Spiteri, Il-Marsa

Intimati: Rosanne Barbara Zarb, 67, Ave Maria, Triq Santa Monika, Paola (Malta)
Bank of Valletta plc, Triq il-Kanun, Santa Venera (Malta)
Kuraturi Deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u sseġġaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Ian Spiteri Bailey, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum l-1 ta' Settembru, 2021

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 14 ta' Jannar, 2022

ALEXANDRADEBATTISTA
Għar-Registratur, Qrati u Tribunali

Rosanne Barbara Zarb was that of the community of acquests, she is jointly and severally responsible for the payment of the money deposited with the inheritance of the same Notary.

Therefore, the applicants are requesting you so that within one week from the dispatch of this judicial letter you pay the amount of €22,000 and in default the interpellant will have no alternative but to proceed against you according to law.

So much so that you know how to proceed and regulate yourselves.

Interpellants: Amadeo Aquilina and Maria Debattista, 7, Triq Patri Donat Spiteri, Marsa

Respondents: Rosanne Barbara Zarb, 67, Ave Maria, Triq Santa Monika, Paola (Malta)
Bank of Valletta plc, Triq il-Kanun, Santa Venera (Malta)
Deputy Curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of these bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Ian Spiteri Bailey, LLD, Doctor of Laws.

Today 1st September, 2021

Registry of the Superior Courts, today 14th January, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

88

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fil-14 ta' Diċembru, 2021, fuq talba ta' Elbros Homes (Properties) Limited ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eredi mhux magħrufa tal-mejjet Anthony Zahra fl-atti taċ-ċedola numru 2324/2021 fl-ismijiet Elbros Homes (Properties) Limited vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta'ċens ta' Elbros Homes (Properties) Limited (C94112) bl-indirizz tal-uffiċċju reġistrat fi Triq l-Industrija, Ħal Kirkop vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eredi mhux magħrufa tal-mejjet Anthony Zahra (KI 436916M) li kien jirrisjedi l-Qrendi, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fid-9 ta' Diċembru, 2021, fejn is-soċjetà Elbros Homes (Properties) Limited (C94112) esponiet bir-rispett:

Illi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Andre Farrugia datat it-22 ta' Lulju, 2021, Vincent Aquilina u Marion xebba Caffari, konjugi Aquilina biegħu u ttrasferixxew lis-soċjetà esponenti Elbros Homes (Properties) Limited (C94112) is-segwenti proprjetà:

'the house bearing the official number seventy (70) and named 'Annette' previously names Billabong, including the underlying garage and including their relative subterrain and airspaces, in Triq is-Sliem previously named Dolmen Street, Marsaskala, herein collectively referred to as the 'Property'…

The Property is subject to the annual, perpetual and non-revisable groundrent of €116.47;

Save as otherwise stated in this deed, the Property is being sold as free and unencumbered, with all its rights and appurtenances, free from any burdnes, servitudes, hypothecs and privileges and free from any rights whether real or personal in favour of any person or other property, with free and vacant possession, free from any requisition or expropriation orders.'

Kopja ta' dan il-kuntratt tal-akkwist u l-pjanta tal-proprjetà inkwistjoni qed jiġu hawn annessi u mmarakti Dok. A, Dok. A1 u Dok. A2 rispettivament.

Mir-riċerki li saru, jirriżulta illi l-ammont ta' €116.47 jikkonsisti mhux f'ċens wieħed iżda f'ċens diviżibbli f'numru ta' subċnus u ċens oriġinali kif gej:

a) Subċens annwali u perpetwu fl-ammont ta' €36.05 dovut bħala subċens annwu u perpetwu lil Luciano Bezzina, liema subċens ġie kostitwit permezz tal-kuntratt pubbliku

By means of a decree given by this Court on the 14th December, 2021, following a request by Elbros Homes (Properties) Limited it was ordered that deputy curators be chosen to represent the unknown heirs of the late Anthony Zahra in the acts of the schedule of deposit number 2324/2021 in the names Elbros Homes (Properties) Limited vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit and concurrent redemption of groundrent filed in the First Hall of the Civil Court on the 9th December 2021, in the names Elbros Homes (Properties) Limited (C94112) with registrered address in Triq l-Industrija, Ħal Kirkop vs deputy curators to represent the unknown heirs of the late Anthony Zahra (ID 436916M) who resided in Qrendi, the applicant company Elbros Homes (Properties) Limited (C94112) respectfully submitted:

That by means of a contract in the records of Notary Andre Farrugia dated 22nd July, 2021, Vincent Aquilina and Marion née Caffari, spouses Aquilina sold and transferred to the applicant company Elbros Homes (Properties) Limited (C94112) the following property:

'the house bearing the official number seventy (70) and named 'Annette' previously names Billabong, including the underlying garage and including their relative subterrain and airspaces, in Triq is-Sliem previously named Dolmen Street, Marsaskala, herein collectively referred to as the 'Property'…

The Property is subject to the annual, perpetual and non-revisable groundrent of €116.47;

Save as otherwise stated in this deed, the Property is being sold as free and unencumbered, with all its rights and appurtenances, free from any burdnes, servitudes, hypothecs and privileges and free from any rights whether real or personal in favour of any person or other property, with free and vacant possession, free from any requisition or expropriation orders.'

A copy of the contract and plan of the property in question are here attached and marked as Doc. A, Doc. A1 and Doc. A2 respectively.

From the searches carried out, it results that the amount of €116.47 consists not of one groundrent but a groundrent divisable in a number of subgroundrents and an original groundrent as follows:

a) Annual and perpetual subgroundrent in the amount of €36.05 due as annual and perpetual subgroundrent to Luciano Bezzina, which subgroundrent was imposed by

fl-atti tan-Nutar Dr Joe Cilia datat it-2 ta' Settembru, 1994, bejn Luciano Bezzina fuq naħa waħda u Joseph u Nicole Violet sive Nicoline xebba Calleja konjugi Pavia fuq in-naħa l-oħra;

b) Subċens annwali u perpetwu fl-ammont ta' €16.07 dovut bħala subċens annwu u perpetwu lil Robert Aldo Tua u lill-kumpanija Tuaco Limited (C745) u dan bħala riżultat tas-subċens li ġie kostitwit permezz tal-kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Felice Abela datat it-3 ta' Ġunju, 1969, bejn Anthony Zahra, Robert Aldo Tua u Tuaco Limited (C745) fuq naħa waħda u Kappara Estate Development Limited (C1651) fuq in-naħa l-oħra;

c) Subċens annwali u perpetwu fl-ammont ta' €40.20 dovut bħala subċens annwu u perpetwu lill-eredi ta' Anthony Zahra u dan bħala riżultat tas-subċens li ġie kostitwit permezz tal-kuntratt pubbliku fl-atti tan-nutar Dr Joseph Felice Abela datat it-3 ta' Ġunju, 1969, bejn Anthony Zahra u Robert Aldo Tua u Tuaco Limited (C745) fuq naħa waħda u Kappara Estate Development Limited (C1651) fuq naħa l-oħra;

d) Subċens annwali u perpetwu fl-ammont ta' €24.11 li kien dovut bħala subċens annwu u perpetwu lill-eredi ta' Joseph Camilleri u dan bħala riżultat tas-subċens li ġie kostitwit permezz tal-kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Raymond Grech datat it-12 ta' Diċembru, 1968, bejn Joseph Camilleri u Robert Aldo Tua, Aldo Tua u Tuaco Limited.

Dan is-subċens diġà ġie mifdi mingħand Luciano Bezzina u martu Matilda xebba Falzon b'permezz ta' ċedola ta' depożitu u ta' fidi ta' ċens b'numru 322/2009. Kopja taċ-ċedola inkwistjoni hija hawn annessa u mmarkata Dok. B.

e) Ċens oriġinali annwali u perpetwu fl-ammont ta' €0.013 dovut lil Awtorità tal-Artijiet u dan bħala riżultat ta' ċens oriġinali mill-Ospedale di Santo Spirito fl-uffiċċju Guiratale fis-16 ta' Ottubru, 1724. Mir-riċerki dettaljati li saru, kopja tal-kuntratt inkwistjoni permezz ta' liema ġie kostitwit dan iċ-ċens ma nstabx.

Permezz ta' din iċ-ċedola ta' depożitu s-soċjetà esponetni tixtieq tipprevalixxi ruħha mill-fakultà mogħtija lilha fl-artikolu 1501 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u tifdi s-subċens fl-ammont ta' €40.20 li ġie kkostitwit permezz tal-kuntratt pubbliku tan-Nutar Dr Joseph Felice Abela fit-3 ta' Ġunju, 1969, kopja tal-kuntratt anness u mmarkat Dok. C.

Is-subċens fuq din il-porzjon ta' art għandu jiġi mifdi billi s-somma dovuta tas-subċens tiġi kapitalizzata bir-rata ta' 7%

means of a public deed in the records of Notary Doctor Joe Cilia dated 2nd September, 1994, between Luciano Bezzina on one part and Joseph and Nicole Violet sive Nicoline née Calleja spouses Pavia on the other part;

b) Annual and perpetual subgroundrent in the amount of €16.07 due as annual and perpetual subgroundrent to Robert Aldo Tua and the company Tuaco Limited (C745) and this as a result of the subgroundrent imposed by means of a public deed in the records of Notary Doctor Joseph Felice Abela dated 3rd June, 1969, between Anthony Zahra, Robert Aldo Tua and Tuaco Limited (C745) on one part and Kappar Estate Development Limited (C1651) on the other;

c) Annual and perpetual subgroundrent in the amount of €40.20 due as annual and perpetual subgroundrent to the heirs of Anthony Zahra and this as a result of the subgroundrent that was imposed by means of a public deed in the records of Notary Dr Joseph Felice Abela dated 3rd June, 1969, between Anthony Zahra and Robert Aldo Tua and Tuaco Limited (C745) on one part and Kappara Estate Development Limited (C1651) on the other part;

d) The annual and perpetual subgroundrent in the amount of €24.11 that was due as annual and perpetual subgroundrent by the heirs of Joseph Camilleri and this as result of the subgroundrent that was imposed by means of a public deed in the records of Notary Doctor Joseph Raymond Grech dated 12th December, 1968, between Joseph Camilleri and Robert Aldo Tua, Aldo Tua and Tuaco Limited.

This subgroundrent is already redeemed from Luciano Bezzina and his wife Matilde née Falzon by means of a schedule of depost number 322/2009. A copy of the schedule of deposit in question is here attached and marked as Doc. B.

e) The original annual and perpetual groundrent in the amount of €0.013 due to the Lands Authority and this as results from the original groundrent from the Ospedale di Santo Spirito in the Guiratale office of the 16th October, 1724. From the detailed searches that were made, a copy of the contract in question by means of which the groundrent was imposed was not found.

By means of this schedule of deposit the applicant company wishes to avail itself of the option given to it by means of article 1501 of Cap. 16 of the Laws of Malta and redeem the subgroundrent in the amount of €40.20 that was imposed by means of a public deed in the records of Notary Doctor Joseph Felice Abela of the 3rd June, 1969, a copy of the contract is attached and marked as Doc. C.

The subgroundrent on this portion of land has to be redeemed by capitalising the subgroundrent at the rate

skont kif kien miftiehem fil-kuntratt sovrapost imsemmi. B'hekk l-ammont ta' €40.20 dovut bħala subċens lill-eredi ta' Anthony Zahra kapitalizzati bir-rata ta' 7% jammonta għal total ta' €574.29.

Għaldaqstant, is-soċjetà l-esponenti umilment tadixxi lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-Awtorità tagħha tgħaddi sabiex tiddepożita s-somma fuq imsemmija ta' €574.29 prezz talfidi ta' dan iċ-ċens annwu u perpetwu sabiex din is-somma tiġi żbankata lill-intimati wara d-debita riċevuta skont il-liġi.

Esponenti: Triq l-Industrija, Ħal Kirkop
Notifiki: Direttur tar-Reġistru Pubbliku
Kuraturi Deputati li se jiġu maħtura biex jirrappreżentaw l-eredi ta' Anthony Zahra

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħzel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bixxhieda tal-Onor. Imħallef Christian Falzon Scerri. BA, LLD, Dip. Trib. Eccles. Melit, Duttur tal-Liġi.

Illum 14 ta' Diċembru, 2021

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 14 ta' Jannar, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Registratur, Qrati u Tribunali

of 7% according to what was agreed in the contract above mentioned. Therefore, the amount of €40.20 as subgroundrent to the heirs of Anthony Zahra, capitalised at the rate of 7% amounts to the total of €574.29.

Thus, the applicant company is humbly calling upon this Honourable Court and under its authority is depositing the said amount of €574.29 representing the price of the redemption of this annual and perpetual groundrent so that this sum is freely withdrawn by the respondents after leaving the relative receipt according to law.

Applicant: Triq l-Industrija, Ħal Kirkop
Notification: Director of Public Registry
Deputy Curators that are going to be nominated to represent the heirs of Anthony Zahra

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Christian Falzon Scerri, BA, LLD, Dip. Trib. Eccles. Melit, Doctor of Laws.

Today 14th December, 2021

Registry of the Superior Courts, today 14th January, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

89

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fil-14 ta' Diċembru, 2021, fuq talba tal-Avukat Evelyn Caruana Demajo noe ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 23rd August, 2021, following a request by Advocate Evelyn Caruana Demajo noe it was ordered that deputy curators

jirrappreżentaw is-sidien mhux magħrufa fl-atti taċ-ċedola numru 2335/2021 fl-ismijiet Avukat Evelyn Caruana Demajo noe vs kuraturi deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta'ċens tal-Avukat Evelyn Caruana Demajo (KI 741561M) bħala mandatarja ta' Edward Joseph Elias Wismayer, impjegat, iben Antonio Elias Azar u l-mejta Damaris Joan née Wismayer Frendo, imwieled f'Mexico City, fil-Messiku u joqgħod Ontario, il-Kanada, bil-passaport Kanadiż HK 811011; Ryan Elias Wismayer, impjegat, iben Antonio Elias Azar u l-mejta Damaris Joan née Wismayer Frendo, imwieled u joqgħod f'Mexico City, fil-Messiku, bil-passaport Messikan GO 4198291; Rolando Elias Wismayer, impjegat, iben Antonio Elias Azar u l-mejta Damaris Joan née Wismayer Frendo, imwieled Acapulco, il-Messiku, u joqgħod f'Mexico City, fil-Messiku, bil-passaport Messikan GO 07960110; Patricia Wismayer-Bucks, mara tad-dar, bint il-mejtin Joseph Wismayer u Rosanna née Frendo, imwielda Tas-Sliema u toqgħod Ontario, il-Kanada, bil-passaport Kanadiż GK 633752; Ian sive Ivan Wismayer, pensjonant, iben il-mejtin Joseph Wismayer u Rosanna née Frendo, imwieled Tas-Sliema u joqgħod Ontario, il-Kanada bil-passaport Kanadiż Q 1617167; Ingrid King, mara tad-dar, bint il-mejtin Joseph Wismayer u Rosanna née Frendo, imwielda Tas-Sliema u toqgħod Ontario, il-Kanada, bil-liċenza tas-sewqan Kanadiża K4486-36365-45102; Audry Alexandra Wach, senior accounts manager, bint il-mejtin Joseph Wismayer u Rosanna née Frendo, imwielda Tas-Sliema u toqgħod Ontario, il-Kanada, bil-passaport Kanadiż QM 816780; Hector Wismayer, pensjonant, iben il-mejtin Joseph Wismayer u Rosanna née Frendo, imwieled Ħal Balzan u joqgħod Ontario, il-Kanada, bil-passaport Kanadiż GK 145269; u Selwyn John Wismayer, pensjonant, iben il-mejtin Joseph Wismayer u Rosanna née Frendo, imwieled u joqgħod Ontario, il-Kanada, bil-liċenzja tas-sewqan Kanadiża W4665-69756-51227 vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lis-sidien tad-dirett dominju u subdirett perpetwu fuq il-fond numru 105, Triq Isouard, Il-Marsa, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fid-9 ta' Diċembru, 2021, fejn l-Avukat Evelyn Caruana Demajo nomine esponew bir-rispett:

Illi hija fil-kwalità tagħha premessa għandha s-subutli dominju perpetwu tal-fond numru 105, Triq Isouard, Il-Marsa, suġġett għaċ-ċens u subċens perpetwu ta' €2.33 ekwivalenti għal Lm1.00 tal-munita l-qadima fis-sena;

Id-direttarji u subdirettarji tal-fond ma humiex magħrufa u għall-għanijiet ta' din iċ-ċedola huma rappreżentanti mill-kuraturi fuq imsemmija;

be chosen to represent the unknown owners in the acts of the schedule of deposit number 2335/2021 in the names Advocate Evelyn Caruana Demajo noe vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit and concurrent redemption of groundrent filed in the First Hall of the Civil Court on the 9th December 2021, in the names Advocate Evelyn Caruana Demajo (ID 741561M) as mandatory of Edward Joseph Elias Wismayer, employed, son of Antonio Elias Azar and the late Damaris Joan née Wismayer Frendo, born in Mexico City, in Mexico and resides in Ontario, Canada, Canadian passport HK 811011; Ryan Elias Wismayer, employed, son of Antonio Elias Azar and the late Damaris Joan née Wismayer Frendo, born and resides in Mexico City, Mexico, Mexican passport GO 4198291; Rolando Elias Wismayer, employed, son of Antonio Elias Azar and the late Damaris Joan née Wismayer Frendo, born in Acapulco, Mexico and resides in Mexico City, Mexico, Mexican passport GO 07960110; Patricia Wismayer-Bucks, housewife, daughter of the late Joseph Wismayer and Rosanna née Frendo, born in Tas-Sliema and resides in Ontario, Canada, Canadian passport GK 633752; Ian sive Ivan Wismayer, pensioner, son of the late Joseph Wismayer and Rosanna née Frendo, born in Tas-Sliema and resides in Ontario, Canada Canadian passport Q 1617167; Ingrid King, housewife, daughter of the late Joseph Wismayer and Rosanna née Frendo, born in Tas-Sliema and resides in Ontario, Canada, Canadian driving license K4486-36365-45102; Audry Alexandra Wach, senior accounts manager, daughter of the late Joseph Wismayer and Rosanna née Frendo, born in Tas-Sliema and resides in Ontario, Canada, Canadian passport QM 816780; Hector Wismayer, pensioner, son of the late Joseph Wismayer and Rosanna née Frendo, born in Ħal Balzan and resides in Ontario, Canada, Canadian passport GK 145269; and Selwyn John Wismayer, pensioner, son of the late Joseph Wismayer and Rosanna née Frendo, born and residing in Ontario, Canada, Candian driving license W4665-69756-51227 vs Deputy Curators to represent the interest of the unknown owners of the perpetual directum dominium and sub-directum dominium of the premises 105, Triq Isouard, Marsa, the applicants Advocate Evelyn Caruana Demajo noe respectfully submitted:

That in her capacity as premised has the perpetual subutli dominium of the premises number 105, Triq Isoulard, Marsa, subject to the annual perpetual groundrent and sub-groundrent of €2.33 equivalent to Lm1.00 of the old currency;

That the owners and sub-owners of the premises are unknown for the reasons of this schedule of deposit are represented by deputy curators above mentioned;

L-esponenti tixtieq tinqeda bis-setgħa mogħtija mill-art 1501 tal-Kodiċi Ċivili biex tifdi l-imsemmi ċens perpetwu li, kapitalizzat bir-rata ta' 5% kif trid il-liġi jammonta għal €46.59.

Għaldaqstant l-esponenti nomine qiegħda tidher quddiem din il-Qorti u taħt l-Awtorità tagħha tiddepożita s-somma ta' €46.59 sabiex din is-somma tingħata liberament bħala prezz tal-fidwa lir-rappreżentanti tad-direttarji u subdirettarji wara li jagħtu riċevuta. U hekk l-esponenti nomine qiegħda tifdi ċ-ċens fuq imsemmi għal dak kollu li tgħid u trid il-liġi.

Esponenti: 18, Triq Tommaso Caruana Demajo, Il-Ħamrun HMR 2042

Notifiki: Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Triq id-Dejqa, Il-Belt Valletta
Kuraturi Deputati, Il-Qorti, Il-Belt Valletta

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Christian Falzon Scerri, BA, LLD, Dip. Trib. Eccles. Melit, Duttur tal-Liġi.

Illum 14 ta' Diċembru, 2021

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 14 ta' Jannar, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

The applicant wishes to avail herself of the power given by Article 1501 of the Civil Code and redeem the said perpetual groundrent that is capitalised at the rate of 5% as required by law amounts to €46.59.

Thus the applicant nomine is therefore appearing before this Court and under its authority is depositing the amount of €46.49 so that this sum is freely withdrawn as the price of redemption to the representatives of the direct and sub direct owners after leaving the relative receipt. And thus the applicant nomine is redeemng the above mentioned groundrent for all that the law says and wants.

Applicants: c/o 18, Triq Tommaso Caruana Demajo, Ħamrun HMR 2042

Notification: Director of Public Registry, Triq id-Dejqa, Valletta
Deputy Curators, Law Courts, Valletta

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Christian Falzon Scerri, BA, LLD, Dip. Trib. Eccles. Melit, Doctor of Laws.

Today 14th December, 2021

Registry of the Superior Courts, today 14th January, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

90

B'digriet mogħti, mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, fl-20 ta' Ottubru, 2021, Rikors fl-ismijiet St Catherine Caterers Limited vs Gordon Borg, Rikors numru 553/20 MH, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifikat fil-konfront tal-konvenut Gordon Borg, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

By means of a decree given, by the Civil Court First Hall, on the 20th October, 2021, Application in the names St Catherine Caterers Limited vs Gordon Borg, Application number 553/20 MH, the following publication was ordered for the purpose of service of the defendant Gordon Borg, in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

Permezz ta' Rikors, ippreżentat, fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet St Catherine Caterers Ltd (C67106) vs Gordon Borg (KI 382971M) fis-7 ta' Lulju, 2021, ir-rikorrenti St Catherine Caterers, talbu lill-konvenut jgħid għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti,

1. Tikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma ta' tmintax-il elf ewro (€18,000) rappreżentanti xogħol ta' catering li s-soċjetà attriċi għaddiet lill-konvenut.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kontra l-konvenut inġunt in subizzjoni.

Ir-Rikors fl-ismijiet St Catherine Caterers Limited vs Gordon Borg, Rikors 553/20 MH, jinsab differit għas-smigħ għall-11 ta' Frar, 2022, fid- 9.30 a.m.

Notifika Konvenut: Palazzo Abela, Triq il-Kbira, Ħal Tarxien

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 17 ta' Jannar, 2022

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur,Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an Application, filed, in the First Hall Civil Court, in the names St Catherine Caterers Ltd (C67106) vs Gordon Borg (ID 382971M) on the 7th July, 2021, the applicant St Catherine Caterers, asaked defendant to state why this Honourable Court should not,

1. condemn the defendant to pay the sum of eighteen thousand euro (€18,000) representing catering work which the plaintiff company passed on to the defendant.

With costs and legal interest against the defendant summoned so that a reference to his evidence be made.

The Application in the names St. Catherine Caterers Limited vs Gordon Borg, Application 553/20 MH, has been deferred for hearing to the 11th February, 2022, at 9.30 a.m.

Notify Defendant: Palazzo Abela, Triq il-Kbira, Ħal Tarxien

Registry of the Superior C ourts, today 17th January, 2022

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

91

Bandu għall-Kuratur

Repubblika ta' Malta

Lill-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fis-27 ta' Diċembru, 2021, it-Tribunal għal Talbiet Żgħar (Għawdex), ordna l-pubblikazzjoni tal-estratt riprodott hawn taħt sabiex għal kull fini u effett tal-liġi jservi ta' notifika skont l-artikolu 931 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Billi b'digriet mogħti fis-27 ta' Diċembru, 2021, mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar fuq talba ta' Rosie Grech, magħmula b'rikors fis-17 ta' Diċembru 2021, fejn ġie ordnat li jintgħażel kuratur deputat skont il-liġi biex jirrappreżenta lill-assenti Mark Anthony Barone Grech sive Anthony Grech ta' 202, Triq Santa Marija, Iż-Żejtun, Malta, fil-kawża tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar numru 3/2019 fl-ismijiet 'Rosie Grech vs Mark Anthony Barone Grech sive Anthony Grech' ippreżentata fil-31 ta' Jannar, 2019, u dan sabiex il-konvenut jiġi kkundannat iħallas lir-rikorrenti Rosie Grech is-somma ta' tlett elef tliet mija u ħamsin ewro (€3,350), liema ammont jirrappreżenta depożitu akkont ta' xogħol illi kellu jsir mill-istess konvenut flimkien mal-ispejjeż, l-imgħaxijiet u drittijiet legali.

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Executive Officer (Courts of Magistrates) Gozo

It is hereby notified that by a decree dated the 27th December, 2021, the Small Claims Tribunal (Gozo), ordered the publication of the extract reproduced hereunder for the purpose of service in terms of section 931 of the Code of Organization and Civil Procedure.

Whereas by a decree given on the 27th December, 2021, by the Small Claims Tribunal (Gozo), upon a request by Rosie Grech, made by an application of the 17th December, 2021, whereby it was requested that a deputy curator be nominated in terms of law to represent the absent Mark Anthony Barone Grech sive Anthony Grech of 202, Triq Santa Marija, Żejtun, Malta, in the claim filed in the Small Claims Tribunal (Gozo) bearing number 3/2019 in 'Rosie Grech vs Mark Anthony Barone Grech sive Anthony Grech' filed on the 31st January, 2019, wherein plaintiff is requesting the said Tribunal to condemn the defendant to pay the plaintiff Rosie Grech the amount of three thousand three hundred and fifty euro (€3,350) in connection with a deposit on account regarding work that should have been done by defendant, together with costs, interest and legal expenses.

Min għandu xi interess u jrid jidħol bħala kuratur deputat huwa b'din imsejjaħ biex jidher fi żmien sitt (6) ijiem fir-Reġistru tat-Tribunal għal Talbiet Zgħar u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan u, jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien hawn mogħti, dan it-Tribunal jgħaddi biex jagħżel kuratur tal-uffiċċju.

Mogħti mit-Tribunal għal Tabliet Żgħar (Għawdex) bix-xhieda tal-Ġudikatur Dr Michela Spiteri

Illum 17 ta' Jannar, 2022

DANIEL SACCO
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

Whoever is interested to be nominated as a deputy curator in this matter is hereby called upon to call at the Small Claims Tribunal Registry within six (6) days and make known their interests through a note declaring such interest and if such declaration is not filed within the stipulated time frame, said Tribunal will proceed to nominate an official curator.

Issued by the aforementioned Small Claims Tribunal (Gozo) under the signature of Adjudicator Dr Michela Spiteri

This 17th of January, 2022

DANIEL SACCO
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

92

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta
Lill-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

B'digriet mogħti fis-6 ta' Jannar, 2022, ġie ordnat li jintgħażlu kuraturi deputati skont il-liġi sabiex jirrappreżentaw lill-eredi mhux magħrufa ta' Michel'Angelo Vassallo iben Francesco Vassallo, li kien imwieled u residenti r-Rabat, Għawdex, intitolati għall-ħlas taċ-ċens annwu u perpetwu tal-immobbli hawn taħt deskritt fl-atti taċ-ċedola ta' depożitu u fidi ta' ċens bin-numru 457/2021 fl-ismijiet Frances Attard et vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-persuna jew persuni mhux magħrufa intitolati għall-ħlas taċ-ċens annwu u perpetwu tal-immobbli hawn taħt deskritt, liema ċedola ġiet ippreżentata fl-20 ta' Diċembru, 2021, fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, u fl-attijiet l-oħrajn kollha relattivi u sussegwenti.

L-immobbli oġġett ta' din iċ-ċedola huwa s-sehem ta' kwart (1/4) indiviż kull wieħed u waħda u ċjoè Dr Carlo Diane Cardona Attard u Robert John Attard, u ċjoè s-sehem totali ta' nofs (1/2) indiviż tal-fond u ċjoè tad-dar bin-numru erbgħa u għoxrin (24) flimkien mal-ġnien u raba' annessi fi Triq Kerċem, Victoria, Għawdex, ilkoll flimkien tal-kejl ta' ċirka tliet mija u wieħed punt deċimali żero tlieta metri kwadri (301.03m.k.), konfinanti mit-Tramuntana in parti ma' Triq Kerċem, u in parti ma' beni indiviżi tal-aħwa Vella, tal-eredi ta' Marcell Mizzi u tal-familja Cini, nofsinhar in parti ma' beni ta' Dr Carlo Diane Cardona Attard u in parti ma' beni ta' Robert John Attard u in parti ma' beni tal-aħwa Magro, u mill-Punent ma' Triq l-Imblokk tal-Franċiżi, jew irjieħ iktar verjuri u korretti.

Banns for Curators

Republic of Malta
To the Executive Officer (Courts of Magistrates) Gozo

By decree issued on 6th January, 2022, it was ordered to elect deputy curators in accordance with the law to represent the unknown heirs of Michel'Angelo Vassallo son of Francesco Vassallo, who was born and resident in Victoria, Gozo, entitled for the payment of the annual and perpetual ground rent of the immovable property described below in the records of the schedule of deposit and redemption of ground rent number 457/2021 in the names Frances Attard et versus deputy curators to represent the person or unknown persons entitled to the payment of the annual and perpetual ground rent of the immovable property described below, which schedule was filed on the 20th December, 2021, in the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section, and in all the the other relative and subsequent acts.

The property object of this schedule is the share of one quarter (1/4) undivided each pertaining to Dr Carlo Diane Cardona Attard and Robert John Attard, ie the total share of half (1/2) undivided share of the tenement namely the house numbered twenty-four (24) together with the garden and land annexed thereto in Triq Kerċem, Victoria, Gozo, all together measuring approximately three hundred and one decimal point zero three square meters (301.03sqm), bounded on the north partly by Triq Kerċem, and partly by undivided property of the Vella brothers, the heirs of Marcell Mizzi and the Cini family, partly south with the property of Dr Carlo Diane Cardona Attard and partly with the property of Robert John Attard and partly with the property of the Magro brothers, and west with Triq l-Imblokk tal-Franċiżi, or more accurate and correct boundaries.

Dan il-porzjon art appartenenti lill-esponenti huwa llum suġġett għal sebgħa u tletin ċenteżmu tal-ewro (€0.37c) bħala s-sehem tagħhom miċ-ċens annwu u perpetwu impost oriġinarjament fuq l-art kollha,

Illi l-esponenti jixtiequ jipprevalixxu ruħhom mill-fakultà mogħtija lilhom bl-artiklu 1501 tal-Kodiċi Ċivili u jifdu dan iċ-ċens,

Illi s-somma ta' sebgħa u tletin ċenteżmu tal-ewro (€0.37c) kapitalizzati bil-ħamsa fil-mija (5%) tammonta għal seba' ewro u erbgħin ċenteżmu (€7.40c),

Illi l-esponenti jixtiequ jiddepożitaw ukoll il-ħlas ta' ċens għall-aħħar ħames snin u ċjoè l-ammont ta' ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€1.85c).

Għaldaqstant, l-esponenti jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha jiddepożitaw a favur l-intimat is-somma totali ta' disa' ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€9.25c), li huma magħmula minn seba' ewro u erbgħin ċenteżmu (€7.40c) kwantu għall-ammont ta' ċens kif kapitalizzati u kwantu għall-ammont ta' ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€1.85c) bħala rata ta' ċens għal dawn l-aħħar ħames snin u dan sabiex din is-somma totali tkun tista' tiġi liberament żbankata mill-istess intimati wara li titħalla debita riċevuta skont il-liġi.

Inti għaldaqshekk ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt (6) ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuratur tal-uffiċċju. U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Maġistrat Dr Simone Grech, Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum is-6 ta' Jannar, 2022

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

SILVIO XERRI
Deputat Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

This portion of land belonging to the applicants is today subject to thirty-seven euro cents (€0.37c) as their share of the annual and perpetual ground rent originally imposed on all the land,

That the applicants wish to avail themselves of the faculty conferred on them by article 1501 of the Civil Code and redeem this ground rent,

That the sum of thirty-seven cents of the euro (€0.37c) capitalized by five percent (5%) amounts to seven euro and forty cents (€7.40c),

That the applicants also wish to deposit the payment of the ground rent for the last five years, namely the amount of one euro and eighty-five cents (€1.85c).

Thus, the plaintiffs refer to this Honourable Court and under its authority deposit in favour of the respondent the total sum of nine euros and twenty-five cents (€9.25c), which are made up of seven euros and forty cents (€7.40c) being the amount of ground rent as capitalized and as to the amount of one euro and eighty-five cents (€1.85c) as ground rent for the last five years. This whole sum can be freely withdrawn by the same respondents after a due receipt is tendered according to law.

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Court and hereby summon any person who wishes to enter as curator to appear within six (6) days in this Register and make a note to this effect.

You are also ordered to inform one and all that if they do not make this declaration within the time allowed, this Court will proceed to select an official curator. And after you have done so, or if you encounter any obstruction in the execution of these banns, you must inform this Court.

Given by the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section, above mentioned under the signature of Magistrate Dr Simone Grech, Magistrate of the aforesaid Court.

Today the 6th of January, 2022

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

Superior Jurisdiction, General Section

SILVIO XERRI
Deputy Registrar, for the Registrar, Courts and Tribunals (Gozo)

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603